.

# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

**IMHALLEF:**

**ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 28 ta' Mejju, 2002**

**Numru 7**

**Cit. Nru. 292/02(F1) GCD**

**ALVER S.R.L.**

**Vs**

**MCM Aluminium Limited**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha s-socjeta` attrici, wara li qalet:

Illi s-socjeta` attrici forniet servizzi kif ukoll diversi prodotti lis-socjeta` konvenuta;

Illi dan ix-xoghol kollu gie inkluz fil-fatturi numru 1444 u 1447 tas-socjeta` attrici (Dok. "A1" u "A2" annessi mac-citazzjoni) u jammontaw ghall-ammont komplessiv ta' (tmienja u ghoxrin elf, seba' mija u tnejn u hamsin Euro (Euro 28,752.19) circa hdax-il elf, seba' mija u tlieta u sittin lira Maltin (Lm11,763);

Illi ghalhekk is-socjeta` konvenuta hija debitrici tas-socjeta` attrici fis-somma premessa;

Illi minkejja diversi interpellanzi ghall-hlas, is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti;

Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut (kif jidher mid-dokumenti annessi mac-citazzjoni) u s-socjeta` konvenuta m'ghandha l-ebda eccezzjonijiet x'taghti in kontro-trattazzjoni ghat-talbiet attrici u b'hekk jezistu c-cirkostanzi kontemplati fl-Artikoli 167 – 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta biex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh;

Talbet illi din il-Qorti:

1. tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh ai termini ta' l-Artikoli 167 – 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' Euro 28,752.19 ekwivalenti ghal circa hdax-il elf, seba' mija u tlieta u sittin lira Maltin (Lm11,763) rapprezentanti prezz ta' servizzi rezi u merkanzija provduta lis-socjeta` konvenuta kif hawn fuq premess.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandati kawtelatorji u l-imghax kummercjali mid-data tal-konsenji sal-pagament effettiv.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf minn Shaheryar Ghaznavi u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process;

Rat in-nota li biha l-attrici naqqset it-talba ghal Lm10,763.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lis-socjeta` konvenuta fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, baqa' ma deher hadd ghas-socjeta` konvenuta.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta' l-kawza billi fil-kontumacja tas-socjeta` konvenuta tilqa' t-talbiet kif imnaqqsa, bl-ispejjez.

**Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Dep. Reg.

cm